MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2010

Talba Numru. 765/2007

**Therese Darmanin**

**vs**

**Joseph Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra** li din il-kawza hi dwar hlas permezz ta' cekk, bilanc minn somma akbar ghal prezz ta' vettura, liema cekk l-attrici tghid li l-bank ma sarrafx.

Fl-AVVIZ l-attrici tghid hekk:-

1. Fil-5 ta' Marzu 2007 hi ttrasferit permezz ta' kompravendita l-vettura Mahindra nru FBF 641 lill-konvenut ghall-prezz ta' Lm400.
2. Dan sar billi Lm150 thallsu fil-pront meta sar it-trasferiment u l-bilanc kellu jithallas b'cekk tal-HSBC Bank plc nru 11078227001 – kopja esibita bhala Dok A

3. Ic-cekk baqa ma giex onorat.
4. Minkejja nterpellazzjoni biex il-konvenut jonora l-obbligi tieghu, dan baqa inadempjenti.

Ghalhekk l-attrici **<u>tablet</u>** li l-konvenut jigi ordnat ihallas il-bilanc ta' Lm250.

**Ra** r-Risposta tal-Konvenut li **eccipixxa** li hu m'ghandu jati xejn lill-attrici ghax din thallset a saldu.

**<u>Provi</u>**

**Ra** x-xhieda tal-konvenut u dik tax-xhieda msejjha minnu jigifieri ibnu Bernard Vella u Dr. Daphne Dodabier li hi hekk:

A: **<u>Il-konvenut</u>** Joseph Vella qal li ra l-vettura msemmija fi stat malandat go triq f'Haz-Zabbar u Sandro Darmanin iben l-attrici talbu ghaliha Lm500 u ftehmu fuq Lm300 u talbu jgiblu l-Log Book – Dok JV1. Dan tahulu jumejn wara f'Hal Luqa u assigura lill-konvenut li fuq il-vettura ma kienx hemm djun. Hallas it-Lm300 fil-hanut ta' iben l-attrici u dana fil-prezenza ta' terzi persuni u l-konvenut qaleb il-vettura ghal fuq ismu. Xi 6 xhur wara Sandro Darmanin mar kellmu u qallu li ibnu kellu jtih Lm250 u talbu ihallsu hu jew jghid lil ibnu dwar dan. Aktar tard il-konvenut kien qal lil Sandro Darmanin li ibnu (iben il-konvenut) kien qallu li hu ma kellu jati xejn. Wara dan il-konvenut gie nterpellat bl-avukat biex ihallas Lm250. Ic-cekk Dok A rah l-ewwel darba meta nfethet il-kawza u dak cekk mhux tieghu. Hu m'ghandu jati xejn lill-attrici.

B: **<u>Bernard Vella</u>** xehed bhal missieru dwar kif il-Mahindra waslet biex tinbiegh. Missieru hallas il-<u>prezz intier</u> (sottolinear tat-Tribunal) fil-prezenza tieghu u dan sar fil-hanut ta' Sandro Darmain f'Hal Luqa.

Wara dan ix-xhud xtara xi *gym equipment* minghand Sandro Darmanin u dana b'valur ta' Lm250. Id-Dok A hu cekk li bih thallas il-*gym equipment* u dan hareg fuq Josette Berry, it-tfajla ta' Sandro Darmanin. Dan l-

*equipment* qatt ma gie konsenjat lilu.  Il-Mahindra kienet fuq isem l-attrici li tigi omm Sandro.

C: **<u>Dr. Daphne Dodabieri</u>** ghall-HSBC qalet li l-kont li mieghu hu abbinat Dok A inghalaq fit-30 ta' Jannar 2007.

**Ra** x-xhieda mressqa mill-<u>attrici</u> li huma hekk:-

D: **<u>Sandro Darmanin</u>** qal li hu kien il-persuna li nnegozjat il-bejgh tal-vettura mal-konvenut u ibnu Bernard li dejjem kienu flimkien.  Il-prezz miftiehem kien ta' LM450 u l-konvenut u ibnu kellhom imorru l-hanut ta' Sandro biex isir it-trasferiment. Kien kellmu xihadd li kellu Mahindra ghall-bejgh ghall-*parts* u staqsieh il-kompraturi Vella ridux jixtruha wkoll.  Eventwalment Bernard Vella kien gharrfu li kien xtara xi parts bil-prezz ta' LM250 u talbu jaghmillu cekk *post dated* ta' LM250 in parti tal-pagament li kellu jaghmel lilu (Dok A, datat 05.05.07) u hu m'oggezzjonax. Fil-5 ta' Marzu 2007 l-Elmo Insurance hargu polza f'isem Joseph Vella li tkopri l-Mahindra FBF 641.  Ic-cekk sar fuq Josette Berry, partner ta' Sandro u meta din eventwalment marret biex issarrfu sabitu "mblukkat". Meta kellem lil Bernard, dan qallu biex itih cans u c-cekk baqa ma ssarrafx.  In kontro-ezami qal li meta sar it-trasferiment tal-Mahindra ma ndikax dan il-bilanc ghax fada.

E: **<u>Josette Berry</u>** qalet li c-cekk kien intestat f'isimha minnha stess u dan meta pprezentatu ma ssarrafx.  Hi ma taf b'ebda *body building equipment*.  Hi kienet prezenti ghad-diskors dwar il-bejgh tal-vettura.  L-ammont fuq ic-cekk kien ga mnizzel meta dan inhareg

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-osservazzjonijiet li jridu jsiru huma dawn:-

i) Billi l-konvenut allega pagament kien imiss lilu li jipprova dan
ii) L-attrici li fuqha kienet registrata l-Mahindra personalment qatt ma ndahlet fin-negozju.

iii) Il-konvenut kien dejjem akkumpanjat minn ibnu u n-negozju sar ma Sandro Darmanin. Josette Berry, partner ta' Sandro qalet li hi dejjem kienet prezenti u dan il-konvenut ma meriehx.

Bernard Vella jghid li l-prezz originarjament mitlub kien ta' Lm500 izda mbaghad ftehmu fuq LM300 u dawn thallsu fi flus kontanti. Ic-cekk Dok A ta' LM250 minnu mahrug hu dwar *gym equipment* li qatt ma gie konsenjat lilu. Mela dan hu cekk genwin u l-fatt li l-konvenut jghid li ma kienx jaf bih ma jfissirx li dan hu xi dokument qarrieqi. Minn naha l-ohra meta Sandro Darmanin jghid li meta sar it-trasferiment ma giex notat il-bilanc li kien ghad irid jithallas ghax "foda" kien verosimili meta tqis li dan kellu cekk f'idejh.

Din tal-*gym equipment* hi xihaga li waqghet mill-ajru u ma tistax titqies bhala prova. Dan wassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li l-konvenut m'ghamilx hlas a saldu u hu ghad fadallu jhallas il-bilance ta' Lm250 (issa €582.34c) lill-attrici.

**KONKLUZJONI**

It-Tribunal jilqa t-talba migjuba fl-AVVIZ u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hames mija tnejn u tmenin Ewro erbgha u tlettin centezmi €582.34c, flimkien mal-ispejjes. Bl-imghax jiddekorri mil-lum sal-jum tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------